# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Awwissu 2026

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **sabiex fl-ibliet kbar, spiss karatterizzati mill-anonimità u s-solitudni, insibu modi ġodda ta' kif inħabbru l-Vanġelu billi niskopru toroq kreattivi ta' kif tinbena komunità.**

**Ninġabar:**

Insib post kwiet u nisma' l-ħsejjes madwari: karozzi, vuċijiet, għasafar. Naħseb fin-nies li ltqajt magħhom illum u nirringrazzja lil Alla għall-preżenza tagħhom.

**Fatt ċkejken:**



Meta Clara marret taħdem barra minn pajjiżha ħassitha mimlija eċċitament imħallat ma' biża' sieket. Ix-xogħol il-ġdid kien dak kollu li kienet xtaqet; dinamiku u mimli opportunitajiet biex titgħallem. Kienet grata immens għal din l-opportunità, imma kienet tħoss ċertu vojt ġewwa fiha. Il-prijoritá fuq il-post tax-xogħol kienet il-produttività. Kull laqgħa kienet tiffoka fuq il-prestazzjoni, it-tnaqqis tal-ispejjeż, u l-profitti. Ma kienx hemm ħin għal konversazzjoni fuq suġġetti oħra apparti miri jew numri. Clara kienet tħossha inviżibbli; utli, imma bħallikieku l-valur tagħha kien jiddependi biss minn kemm kienet kapaċi tipproduċi. Il-jiem gerbu f'xhur immarkati biss mill-iskrins u skadenzi. Wara kienet timxi lura lejn l-appartament żgħir tagħha, fejn ħadd ma kien jaf min hi. Alla, li darba kienet tħossu qrib, issa deher imbiegħed, moħbi wara torrijiet twal u *traffic lights*.

Lejla minnhom Clara ħadet triq differenti minn tas-soltu lejn id-dar. Meta qasmet il-pjazza prinċipali, lemħet grupp ta' nies miġbura fil-pjazza. Il-mużika tal-kitarra u d-daħk tan-nies qabbduha kurżità biex tersaq viċin. Waħda mill-grupp lemħitha u qaltilha, "Ejja ħu kikkra kafè." Spjegawlha li kienu mill-parroċċa tal-viċin, u kienu qed jorganizzaw *Faith Café*, laqgħa ta' kull ġimgħa fejn kull min irid jista' jieqaf għal kafè u konversazzjoni dwar il-ħajja u l-fidi. Ma kien hemm ebda priedka, imma biss preżenza u nies jitkellmu u jisimgħu lil xulxin. Iddeċidiet li għal dakinhar tingħaqad magħhom. Dik il-lejla tbissmet għall-ewwel darba f'ħafna xhur. Il-konversazzjoni li kellha mal-grupp imlitilha qalbha. Meta wasal il-ħin biex titlaq, xi ħadd staqsiha, "Narawk il-ġimgħa d-dieħla?" u f'dak il-mument indunat li tassew xtaqet terġa' tmur. Hekk għamlet ukoll fil-ġimgħat ta' wara. Bil-mod il-mod, rabbiet relazzjoni ta' ħbiberija mal-membri tal-grupp. Il-belt, li qabel kienet kiesħa u anonima, bdiet issir qisha d-dar. Il-*Faith Café* sar il-komunità żgħira tagħha, post fejn stranġieri saru ħbieb, u fejn lil Alla reġgħet ħassitu viċin f'kull kikkra kafe' li qasmet ma' sħabha, fl-istejjer li ngħadu u l-kant li kantaw.

**Naħseb ftit:**

Nagħmel sforz biex noħloq ambjent akkoljenti fuq il-post tax-xogħol/id-dar? Nisma' b'attenzjoni meta xi ħadd jaqsam l-istorja tiegħu miegħi?

**Nitlob:**

Mulej, għinna nagħrfu l-preżenza tiegħek fil-qalba tal-bliet tagħna, u mexxina biex nibnu komunitajiet fejn il-fidi, il-ħbiberija u t-tama jistgħu jikbru f'nofs l-istorbju u s-solitudni.

**Kliem ta' dawl:**

Interessanti li r-Rivelazzjoni tgħidilna li l-milja tal-umanità u tal-istorja għad titwettaq f'belt.

*Evangelii Gaudium*

**X'nista' nagħmel:**

Naħseb f'min jinsab waħdu; forsi ġirien, anzjani, jew xi ħbieb li għaddejjin minn żmien diffiċli. Naħseb kif nista' nissapportjahom, forsi billi nċempel jew immur inżurhom.